MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-3 ta' Mejju, 2006

Rikors Numru. 308/2005

Maltacom p.l.c.
vs
Chris Cachia & Associates Limited

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tas-socjeta` rikorrenti bih esponiet:

Illi s-socjeta` kummercjali Chris Cachia & Associates, bin-numru ta' registrazzjoni C14950, kellha taghti lis-socjeta` kummercjali Maltacom p.l.c., bin-numru ta' registrazzjoni C22334, is-somma komplessiva ta' Lm3632.55 (tlett elef sitt mija tnejn u tletin lira Maltin u hamsa u hamsin centezmu) in konnessjoni mas-servizzi telefonici bin-numri 21462488, 21462487, 462508, 462509, 21462491, 21462490, 21462489, 21462489, 21462485, 21462484, 21419110, 21419111, 2149112, u S/C005833 (A/C 10002411, 10113848, 10113850, 10113849, 10113851,

10113845, 10112844, 10188486, 10188487, 10188488 u 10113847 – CN 1037363 u 1012488 u 1021669) u dan skond dokumenti mmarkati Dok A - L u annessi mar-rikors.

Illi interpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghall-hlasw, is-socjeta` intimata kienet baqghet inadempjenti.

Illi mill-informazzjoni li kellha s-socjeta` rikorrenti, is-socjeta` intimata ma kenitx f'pozizzjoni li thallas id-djun taghha u dan ai termini tal-Art 214(2)(a)(ii) tal-Kap. 386.

Illi inoltre s-socjeta` rikorrenti kienet issottomettiet ghall-gudizzju tal-Qorti li kienu jezistu raginijiet gravi bizzejjed li jiggustifikaw ix-xoljiment u konsegwentement l-istalc tal-kumpanija ai termini tal-Art. 214(2)(b)(iii) tal-Kap 386.

Illi ghaldaqstant ai termini tal-Art. 218 tal-Kap. 386, is-socjeta` rikorrenti talbet lill-Qorti sabiex tordna x-xoljiment u konsegwentement l-istalc tas-socjeta` intimata, u dan bil-provvedimenti kollha opportuni sabiex jigu mharsa d-drittijiet taghha bhala kreditrici tas-socjeta` intimata, inkluz il-hatra ta' amministratur provizorju ai termini tal-Art. 228 tal-Kap 386.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**

Rat illi fis-seduta tal-lum Dr. Gillian Mamo ghas-socjeta` intimata pprezentat nota ta' ammissjoni fis-sens biss illi gie ammess il-kreditu.

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk minhabba nota ta' ammissjoni dwar il-kreditu, minhabba li hemm lok li s-sentenza tinghata llum stess, u peress li t-talba tas-socjeta` rikorrenti tidher gustifikata, il-

Qorti qed tilqa’ t-talba tas-socjeta` rikorrenti fis-sens li tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas is-somma ta’ Lm3632.55 (tlett elef sitt mija tnejn u tletin lira Maltin u hamsa u hamsin centezmu) lis-socjeta` Maltacom p.l.c.

Spejjez kontra s-socjeta` intimata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------